Apprezzament

## L o r e n z a   B o n n i c i   C a l i



B'dispjaċir inħabbru l-mewt ta' Lorenza Bonnici Cali' li ġrat fit-18 ta' Frar 1994, fl-eta' ta' 77 sena. Lorenza kienet l-ewwel mara membru tal-Għaqda tal-Folklor, li mhux biss ikkontribwiet kitbiet oriġinali f' L - Imnara, iżda għenet ħafna biex inġabar materjal għall-wirjiet organiżżati mill-Għaqda tagħna. Kienet xebba twajba tassew nisranija, mehdija b'xogħol mill-aktar siewi fi ħdan l-Azzjoni Kattolika ta' Ħal Tarxien, sa minn-tfuħita fiċ-ċirklu Marija Annunzjata, u tant ħadmet li kienet saret ukoll presidenta ta' dan iċ-ċirkolu li damet tmexxi b's suċċess għal bosta snin.

Minbarra l-ħidma ordinarja tat-tagħlim tal-katekiżmu, għajnuna lill-fqar u tagħlim tal-ħjata u xogħol ieħor meħtieġ għall-bniet, daħħlet it-tagħlim tal-kant u mużika, u waslet biex fetħet Tejatrin tal-Bniet fl-istess ċirkolu, ħaġa tassew rari għal xebba bħalha. Dan kien tejatrin reliġuż li kienet tidderiġi bl-akbar għaqal, u kienet ukoll tikteb xi drama ħafifa għal żmien tal-Milied u festi oħra tal-knisja, bħal ħajja ta' Sant'Anjeże u qaddisin oħra verġni u martri, kif ukoll xi poeżiji ħelwin ħafna b'tema reliġjuża. Kellha moħħha tajjeb, u ħadet ukoll l-imħabba għall-folklor Malti fuq eżempju ta' ħuha Rafel Bonnici Cali'.

Għall-Imnara hija kienet kitbet dwar il-Logħob tat-Tfal (1982), it-Tejatrin tat-Tfal (1984), Faqar Veru u Faqar Falz (1985), Drawwiet Rèliġjużi (1986), id-Dota ta' Ommna (1988, ma' ħuha Rafel), Il-Qattus fil-Folklor (1989) u Nota dwar l-Għonnella (1990).

Hija ħallietna wara marda li sofriet b'kalma nisranija, u kellha funeral kbir, għax kienet wisq maħbuba min-nies ta' Ħal Tarxien. Attendew għall-funeral fost bosta personalitajiet oħra, l-aġent president ta' Malta, is-sindku u l-kunsillieri ta' Ħal Tarxien.

L-imseħbin tal-Għaqda tal-Folklor huma mitluba jaħsbu fiha fit-talb tagħhom.

---